MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 119/2008

Kawza fil-lista: 49

**A B**
**vs**
**C D E, l-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri F D, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fit-23 ta' Settembru 2006 twieldet lill-intimata C D E, l-minuri F D, skond l-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. AC1;

2. Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Jannar 2008 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. AC 2) kif mitlub skond l-artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta debitament notifikata lill-intimata sabiex tipprezenta nota fejn tiddikjara li qed taqbel mar-registrazzjoni tar-rikorrent bhala l-missier naturali tal-minuri, l-intimata baqghet inadempjenti;

3. Illi l-minuri giet registrata fir-Registru Pubbliku mill-intimata b' Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3146 tas-sena 2006, taht missier mhux maghruf;

4. Illi r-rikorrenti ghandu interess illi jirrikonoxxi l-minuri bhala l-wild naturali tieghu;

5. Illi kontestwalment r-rikorrenti qieghed jipprezenta rikors sabiex jinhatru deputati kuraturi sabiex jirraprezentaw il-minuri F D.

Jghidu ghalhekk l-intimati, ghar-ragunijiet suesposti, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri F D hija bint naturali tar-rikorrent A B billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testijiet genetici appoziti sabiex tigi stabbilita definittivament il-paternita' tal-minuri;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri F D numru ta' iskrizzjoni 3146 tas-sena 2006, jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem *unknown father* jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati: A B, karta ta' l-identita' numru 179170(M), imwieled Attard u residenti Rahal Gdid, iben Joseph B.

3. Tiffissa l-modalitajiet ta' access li r-rikorrenti ghandu jkollu a favur tal-minuri F.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Jannar 2008 kontra l-intimata li hija min issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta C D E rrispondiet:

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti taqbel li F D hi l-bint naturali tar-rikorrent A B pero' l-esponenti m' ghandhiex tbati l-ispejjez tat-testijiet genetici appoziti;

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba, l-esponenti tirrimetti ruhha ghal kull ordni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti pero' l-esponenti m' ghandhiex tbati spejjez f' dan ir-rigward;

3. Illi t-tielet talba din m' ghandhiex tintlaqa' partikolarment minhabba l-eta' tenera tat-minuri; minhabba l-assenza kompleta tar-rikorrent li hu mizzewweg, minn meta twieldet il-minuri; minhabba li r-rikorrenti hu bniedem vjolenti u minhabba li r-rikorrenti mhuwiex ta' influwenza tajba fuq il-minuri u ghal dan il-ghan din l-Onorabbli Qorti ghandha tinnomina esperti biex jaraw x' inhu l-ahjar interess tal-minuri.

Rat il-kontro talba prezentata mill-istess konvenuta rikonvenzjonanti, u li tinsab a fols. 25 u 26 tal-process [Appendici A];

Rat ir-risposta guramentata ta' l-attur rikonvenzjonat, u li tinsab a fol.34 tal-process [Appendici B];
Rat ir-risposti guramentati tal-kuraturi deputati, ghall-azzjoni u ghall-kontro talba, li biha rrispondew li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku:

1. Illi preliminarjament l-esponent mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-tielet talba dedotta fir-rikors guramentat.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ta' l-ewwel talba tar-rikorrent, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-

talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Inoltre minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-tieni talba r-rikorrent ghandu jispecifika wkoll id-dettal jekk missieru kienx haj fid-data tat-twelid tal-minuri sabiex jekk it-talbiet rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra. Inoltre, jekk it-talbiet tar-rikorrent jintlaqghu l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

4. Illi n-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-Att tat-Twelid ghandu jigi specifikat fit-talbiet.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-rapport[1] xjentifiku prezentat mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar, minnhom debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghad-data tallum ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg talbiet ta’ l-attrici, u fuq ir-raba talba tal-konto talba;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illli permezz ta’ l-azzjoni odjerna, l-attur, fl-ewwel zewg talbiet tieghu, qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li hu l-missier naturali tal-minuri F D li twieldet fit-23 ta’ Settembru 2006 u li fl-Att tat-Twelid taghha 3146/06 tinsab

[1] Fols.66 *et seq.*

registrata bhala bint ‘missier mhux maghruf’; kif ukoll sabiex issir id-debita korrezzjoni l-istess Att tat-Twelid.

Minn naha taghha l-konvenuta C D E, filwaqt li taderixxi ruhha ma’ dawn it-talbiet, tikkontendi li m’ ghandhiex tbati l-ispejjez.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta nkontestat li bejn is-snin 2003 u 2006, l-attur, ragel mizzewweg, kellu relazzjoni stabbli mal-konvenuta C D E, u minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla F fit-23 ta’ Settembru 2006. Dan jinsab korroborat mir-rizultat tat-testijiet genetici tad-DNA li jikkonfermaw lill-attur bhala l-missier naturali tat-tifla.

Dan premess u kkunsidrat l-ewwel zewg talbiet ta’ l-attur huma gustifikata fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Illi jirrizulta wkoll li t-tifla giet registrata bhala bint ta’ missier mhux maghruf. In propozitu, l-attur jghid li “… jiena kont accettajt li ma nidhirx bhala missier F fuq ic-certifikat tat-twelid ghax C kienet taghtni l-kelma li t-tifla nibqa’ naraha. Hi kienet talbitni naghmlu dan il-patt biex ma jinqalax inkwiet ma’ tal-familja taghha”[2]. Din il-konvenuta tghid: “A B qatt ma qalli biex jitnizzel bhala l-missier ta’ F.”

Illi jidher li sussegwentement ghat-twelid tat-tifla, il-partiijet rriskontraw problemi dwar il-manteniment u access tat-tifla, u ghalhekk l-attur fid-9 ta’ Jannar 2008 ipprezenta ittra ufficjali biex jirrikonoxxi lill-minuri, u li giet notifikata lill-konvenuta C D E fis-19 ta’ Jannar 2008; izda eventwalment kellhom isiru l-proceduri odjerni.

Fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li f’ dan il-kaz, l-ispejjez ta’ dan il-gudizzju ghandu jigi sopportati bejn il-partijiet ugwalment, tenut kont principalment tal-fatt li jidher li z-zewg partijiet nizjalment riedu, jew accettaw, li t-tifla tigi registrata bhala bint missier mhux maghruf.

---

[2] Aff. Fol.46

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi: tilqa' l-ewwel zewg talbiet ta' l-azzjoni, u tiddikjara li t-tifla F D li twieldet fit-23 ta' Settembru 2006 hija l-wild naturali ta' l-attur A B; u konsegwentement tordna d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid 3146/2006 fit-termini tat-tieni talba u tan-nota prezentata minnu fit-23 ta' Mejju 2008 a fol.33 tal-process.

Inoltre tordna l-prosegwiement tas-smigh tal-kawza dwar it-talba numru tlieta [3] ta' l-attur u t-talbiet numri [1][2] [3] u [4] tal-kontro talba tal-konvenut; u dan wara li l-partijiet ikunu marru ghal medjazzjoni, dwar il-vertenzi tal-kura u kustodja, access u manteniment.

L-ispejjez ta' dan il-gudizzju ghandu jinqasam wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------